# MILL-ĠDID, POETA....

*Lil ħabibi u mgħallmi Dun Karm.*

"Il-ferħa ta' bla tarf li jien poeta"
Darba ħassejt;
U bkejt,
Bil-qalb mimlija,
X'ħin l-ogħna ħolm tal-ħajja
Għannejt.

Għannejt
L-imħabba w r-regħxa tagħha,
Is-serħ
Il-ferħ
Ta' min jitgħannaq magħha.

Għannejt il-wesgħa fejn ix-xemx raħlija
Is-sagħtar tbus u tħaddan bl-ikbar dija,
Għannejt il-wied sewdieni
Fejn,
B'għod mil-ħlejjaq,
B'għod mid-dwejjaq
Xtaqt ngħix waħdieni.

Għannejt fuq kollox l-għanja
Tal-mewġa kiebja fis-sahriet sajfija,
Il-leħħa bajdanija
Tal-ljeli msaħħra mil-bewsiet qamrija.

Għannejt bil-qalb żagħżugħa
Għannejt mimli bil-ħrara;
Stmellejt il-fruha
Tat-triqat beltija,
Il-kruha
Ta' l-idjar kennija;
U bħal għasfur imġennen għas-sbuħija
Għal għonq it-trieq,
Bla niket u bla dieq,
Erħili għalanija.

Għal żmien 'nxifli l-għana ġewwa qalbi,
Il-ħalf qeridli talbi,
U f'telfa ta' dlam kbir
Id-dawl le rajt
U sfajt
Tal-waħx irsir.

Il-lum erġajt
Għal għonq it-trieq tal-għana
Reġa' ma' dwari dawl il-poeżija
Inissel dija,
U smajt
Is-sejħa,
Sbejħa
Ta' min ġo qalbu jaf li hu poeta.

Londra — Rob.